MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2014

Numru. 3/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Gaetano Di Mauro**

**Illum il-Hamis 2 ta' Jannar, 2014**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kif migjuba kontra:

**Gaetano Di Mauro** ta’ 27 sena, bin Antonino u Cinzia nee’ Arceri, imwieled Catania fil-11/01/1986 residenti Viale Castaagniola numero 3 Catania Sicilia.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-1 ta’ Jannar, 2014 u fil-jiem ta’ qabel:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma’ kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma’ kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijie ta’ Malta.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) mibghuta mill-Avukat Generali.

Rat l-artikolu 4 u 6 tal-Kap 101 kif ukoll l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 u l-artikolu 22 (1) tal-Kap 446,

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fuq l-akkuz migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli partijiet.

Il-Qorti;

Filwaqt li qeghda ssib lill-akkuzat hati, qeghda tilliberah b'kundizzjoni li ma' jghamilx reat iehor fi zmien sena millum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------